Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 24/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 24 t' Awwissu 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:15

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Skużat
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

24. 1 Ittri ta' Apoloġija

24.1.1 Il-President stenna sa 18:15 fejn deher li r-Reġjun ma kienx ser ikollu kworum biex jibda l-laqgħa.

24.1.2 Il-President talab li japprova biss l-iskeda tal-pagamenti u l-minuti. Dan peress li suppost kellu jasal is-Sur Jorge Grech, sabiex ikun hemm kworum biex tibda l-laqgħa.

24.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.24

24.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 24 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati. Din l-approvazzjoni ser tkun ratifikata fil-Laqgħa tar-Reġjun Nu 25.

24.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 20

24.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata is-Sur Vince Borg u s-Sur Wayne Aquilina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Lulju 2023 u l-24 t' Awwissu 2023

li kienet tammonta għall-€196,297.42. Din l-approvazzjoni ser tkun rattifikata fil-Laqħa tar-Reġjun Nu 25.

24.3.2 Is-Sur Dominic Grima xtaq jirrimarka li huwa ma jaqbilx li l-kuntrattur jitħallas il-pagament sħih. Dan minħabba li fil-fehma tiegħu filkaż tal-Kunsill Paola għad hemm nuqqasijiet li dawn iridu jiġu ndirizzati. Is-Sur Grima wera wkoll ir-rabja tiegħu li huwa bħala Viċi President tar-Reġjun l-ewwel intalab mil-President sabiex jattendi għal-laqgħa li kien hemm mal-Ministru l-Onor. Owen Bonniċi u s-Segretarju Parlamentari l-Onor Zerafa Civelli sabiex jiddiskuti f' isem ir-Reġjun dawn in-nuqqasijiet mal-kumplament tar-Reġjuni, semma li għal xi raġuni ftit tal-ħin wara huwa intalab sabiex ma jattendiex.

24.3.3 Il-President semma li kwestjonarju rigward is-suġġett li d-Diviżjoni ċċirkulat mar-Reġjun sabiex jimtela u li wara dan huwa kien bagħat lill-Kunsilli Lokali sabiex jimlew. Huwa informa li ftit ħin wara dan kien ġie rtirat mid-Dipartiment.

24.3.4 Wara diskussjoni bejn is-Sindki u l-President kien hemm qbil li l-pagament jagħddi sħih. Il-Presdident għadda kopja tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal dan is-servizz u talab lil dawk is-Sindki preżenti sabiex il-contracts manager ta' kull lokalita' jħejji rapport bin-nuqqasijiet sabiex ikun jista' jitpoġġa għad-diskussjoni.

24.4 Punti oħrajn

24.4.1 Ħaddiema RSSL	Il-President semma li dawn il-ħaddiema huma assenjati mal-Kunsilli sa Novembru 2023. Is-Sur Grima semma li huwa xtaq li dawn ikomplu x-xogħlijiet ġewwa l-lokal ta' Paola.
24.4.2 CCTVS	Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jibgħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali sabiex jinfurmahom fuq l-iskema li kienet diġa ġiet approvata fejn kull Kunsill Lokali kien ser jingħata €6,000 sabiex isir dan l-investiment sa Diċembru 2023.
24.4.3 Skema ta' Attivitajiet Kulturali	Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jibgħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali sabiex jinfurmahom fuq l-iskema li kienet diġa ġiet approvata fejn kull Kunsill Lokali kien ser jingħata €10,000 sabiex isiru attivitajiet kulturali fil-lokal sa Diċembru 2023.
24.4.3 Skema għall-latrini awtomatiċi	Il-President semma li l-Kunsilli tal-Kalkara u l-Fgura kienu kkonfermaw li mhux ser ikunu parti mill-iskema. Għaldaqstant, fil-laqgħa li jmiss kellu jiġi deċiż fuq kif ser jitqasmu l-fondi ż-żejda.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

24.5 Aġġornament

24.5.1 Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 14 ta' Settembru 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Port

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv